**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru: 602/2020**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mario Xiberras]**
**[Spettur Jeffrey Scicluna]**

**vs**

**Carmelo Borg**

**Illum, 25 ta' Jannar 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva nhar l-10 ta' Novembru 2020 kontra:

"**Carmelo Borg**, bin-numru tal-karta tal-identita' 0076458M.

U nakkuzah talli:

1. Nhar l-01 ta' Novembru 2020 bejn il-01:00 hrs u 03:00 hrs gewwa f'Haz-Zebbug u gewwa l-Gzejjer Maltin irrenda

ruhu komplici fir-reati ta’ hruq volontarju ta’ nar fuq vettura bil-mutur, u cioe’ Truck tal-ghamla Dodge tal-mudell 50 series u dan ghad-detriment ta’ Daniel Simon John Galea minn Hal-Qormi u/jew ta’ persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici fir-reat ta’ hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara volontarja fuq l-imsemmija [vettura] liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) izda izjed minn mitejn u hamsin Ewro (€250) ghad-dannu ta’ Daniel Simon John Galea minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ sejbien ta’ htija tikkundanna l-hati ghall-hlas lir-registratur tal-ispejjez kollha jew ta’ parti mill-ispejjez li kellhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri, inkluz dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, hekk kif mahsub fl-artikolu 533 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ Daniel Simon John Galea.”

Hadet nota li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi fis-seduta tal- 10 ta’ Novembru 2020 meta huwa tressaq b’arrest u nzamm taht arrest preventiv.[1]

[1] A folio 1 tal-process

Hadet nota ukoll tal-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[2].

Hadet nota li l-prosekuzzjoni talbet li tipprezenta akkuzi godda fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2020 u din il-Qorti kif preseduta laqghet it-talba u allura l-akkuzi odjerni issa gew jaqraw is-segwenti:

> "**Carmelo Borg** ta' 62 sena bin Lorenzo Borg u Catanrina Borg nee' Borg imwieled Birkirkara nhar it-08 ta' Jannar 1958 u resident numru 68 f'1, Triq il-Kuncizzjoni, Msida, bi numru tal-karat tal-identita' 0076458(M).
>
> U nakkuzawh talli:
>
> 1. Nhar l-01 ta' Novembru 2020 bejn il-01:00 hrs u 03:00 hrs gewwa f'Haz-Zebbug u gewwa l-Gzejjer Maltin irrenda ruhu komplici fir-reati ta' hruq volontarju ta' nar fuq vettura bil-mutur, u cioe' Trakk tal-ghamla Dodge tal-mudell 50 series u dan ghad-detriment ta' Daniel Simon John Galea minn Hal-Qormi u/jew ta' persuni ohra.
>
> 2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici fir-reat ta' hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara volontarja fuq l-imsemmija [vettura] liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Ewro (€ 2,500) izda izjed minn mitejn u hamsin Ewro (€250) ghad-dannu ta' Daniel Simon John Galea minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra;

[2] A folio 5 et seq. tal-process

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, moghtija mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale (illum Imhallef) nhar is-16 t'April 2019, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Carmelo Borg bhala li hu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna l-hati ghall-hlas lir-registratur tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluz dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, hekk kif mahsub f'Artikolu 533 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika ukoll l-artikoli 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' Daniel Simon John Galea."[3]

Fl-istess seduta tal-25 ta' Novembru 2020 rega' sar l-ezami tal-imputat fejn tenna li ma kienx hati tal-akkuzi kif dedotti.[4]

Hadet nota tal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali fl-10 ta' Jannar 2022 li nqraw fid-9 ta' Frar 2022 u li l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi ggudikat minn din il-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti giet mitluba

[3] A folio 42-43 tal-process
[4] A folio 46 tal-process

tezamina l-provi u ssib il-htija jew tillibera ai termini tal-artikoli 17, 31, 317, 325(b), 42, 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif ukoll jekk issib htija tikkundanna lill-imputat ghall-ispejjez peritali skon l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[5]

Hadet nota tal-atti kollha tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jinvolvi hruq volontarju (arson) ta' trakk tal-ghamla Dodge mudell 50 series li ghalkemm kien registrat fuq l-imputat kien fil-fatt inbiegh lil terzi, cioe' lil Julian Cucciardi u eventwalment Daniel Simon John Galea. Dan l-att sehh fl-1 ta' Novembru 2020 ghal habta ta' bejn is-saghtejn u t- tlieta ta' fil-ghodu fejn wara telefonata rrikorrew il-pulizija tad-distrett kif ukoll il-membri tal-protezzjoni civili li marru jikkontrollaw in-nirien. Il-pulizija ezekuttiva infurmat lill-magistrat tal-ghassa li hatret xi esperti biex jghinu lilha u lill-Pulizija fl-istharrig taghha/hom. Mill-investigazzjoni tal-pulizija,

[5] A folio 331 tal-process.

inkluz il-filmati li ngabru mill-kameras tas-sigurta' li kien hemm fl-akkwati rrizulta li zewg persuni kienu involuti f'dan ir-reat. Jidher li dawn marru fuq il-post b'vettura Toyota Levin b'numru ta' registrazzjoni KBD 591 li tghajjat lil Carmelo Grech mill-Belt. Jidher li l-imputat mar b'din il-vettura li kien xtara minn ghand Grech xi jiem qabel ma' persuna li hu qatt ma identifika mal-Pulizija minhabba li jasserixxi li ma kienx jafu.

L-imputat qed jigi akkuzat ghalhekk li hu kien komplici f'dan il-hruq volontarju ta' dan it-trakk li milli jidher kien jiswa madwar seba' mitt Ewro (€700) qabel ma effettivament inharaq mill-persuna injota.

**Il-Provi**

Xehed l-Ispettur **Mario Sciberras** fejn spjega r-rwol tieghu fl-investigazzjoni. Hu spjega li fl-1 ta' Novembru tas-sena 2020 kien beda jinvestiga hruq ta' trakk gewwa Haz-Zebbug. Dan l-att sehh fis-sieghat bikrijin ta' fil-ghodu. It-trakk kien jghajjat lil certu Carmelo Borg li fl-ahhar irrizulta li kien l-imputat odjern pero' dan kien inbiegh lil certu Julian Cucciardi li wara kien ghaddieh lil Daniel Simon John Galea. L-investigatur jghid li huma kienu raw xi CCTV u nnutaw vettura tal-ghamla Toyota Levin li kellha parti minn numru jaqra 591. Din il-vettura kellha rimmijiet partikolari u wara waslu biex identifikawha bhala bin-numru ta' registrazzjoni KBD 591 ghax ma tantx kien hawn hafna bhala fis-suq. Din kienet tghajjat lil certu Carmel Grech detentur tal-karta tal-identita' numru 214051M li kien qal li kien bieghha lill-imputat xi jiema qabel u b'hekk kienet tghajjat lilu ghax it-trasferiment kien ghadu ma sarx. Skond l-Ispettur mis-CCTV kien jidher l-imputat u kellu suspett li kien dik l-istess persuna li kien saq dik it-Toyota Levin f'dak il-lejl u li kien ma' persuna ohra.[6]

[6] A folio 47-49 tal-process

Ix-xufier jirrizulta li kien l-imputat u l-persuna l-ohra kienet sa dak il-hin mhux maghrufa. Meta mitkellem mill-Pulizija jidher li ghall-ewwel l-imputat kien evaziv pero' wara ammetta li f'dak il-jum ta' fil-ghodu hu kien wassal persuna hdejn it-trakk li gharaf li kien tieghu u li l-vettura KBD 591 kien xtraha xi jiem qabel ghal €300.[7] L-imputat meta gie arrestat baqa' jinsisti l-hin kollu li l-persuna l-ohra li kienet mieghu ma jafhiex. L-investigatur innota li r-rimmijiet kienu b'hafna toqob u partikulari u jkompli jghid li wara xi jiem identifikaw ukoll min kien fil-fatt qabbad il-vettura, ossija certu Jesmond Cassar maghruf bhala t-Titto. L-Ispettur qal li r-rwol ta' Borg kien biss li wasslu fuq il-post. L-Ispettur a folio 55 tal-process jippreciza:

> *'Kompla jsuq, wara li fetah il-'boot' tah basket, ghalaq il-'boot', l-awtur nizel 'l isfel u Carmelo saq il-fuq.'*

Finalment l-Ispettur jikkonkludi li nstabet cit fin-naha tal-passiggier.

Xehed **is-Surgent 90 Jeffrey Gerada** fil-25 ta' Novembru 2020 fejn spjega r-rwol tieghu fl-investigazzjoni[8]. Meta l-investigaturi identifikaw lill-imputat kien hu li l-ewwel mar ikellmu. Meta staqsa lill-imputat fuq it-Toyota beda jghid li ma jiftakarx ghax ikollu hafna karrozzi pero' wara qallu li kellu Toyota ta' kulur blu. L-imputat qallu li sellifha lil xi nies pero' ma jafx min huma u wara ftit hadu fejn il-vettura li skond is-surgent kienet tixbah hafna lil dik li raw fuq ic-CCTV peress li kellha rimmijiet partikolari u kienu daqsxejn aktar suwed minn ta' wara.[9] Is-surgent ikompli fix-xhieda tieghu:

---

[7] A folio 50 tal-process
[8] A folio 70 tal-process
[9] A folio 73 tal-process.

> ‘Kellha daqqa fuq in-naha tax-xellug fuq in-naha ta’ wara u kif ukoll kellha l-mera tan-naha tax-xufier li kienet nieqsa.  Dawn jiena ftakarthom go mohhi pero’ meta mbaghad meta kont fuq il-post qed nara l-vettura flimkien ma’ Carmelo innutajt illi dawn l-affarijiet kienu jaqblu ma’ l-istess vettura li kont rajt fil-filmat…..’.[10]

**Is-Surgent 90 Gerada** jikkonferma li ghall-ewwel cahad li kien b’xi mod involut pero’ wara ammetta li kien fuq il-post tal-akkadut. L-imputat qal li kien wassal lil xi hadd fuq il-post pero’ ma jafx ghalxiex.[11]

Xehed **Carmel Grech** fis-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2020 fejn ikkonferma li l-vettura Toyota Levin kienet tieghu, u li ma kienx ghadu ghamel it-trasferiment taghha fuq l-imputat.  Kien bieghhielu xi erbat (4) ijiem qabel ma gara l-fatt ghal tlett mitt Ewro (€300)[12].

Xehed **Julian Cucciardi** fis-seduta tad- 9 ta’ Dicembru 2020 fejn spjega kif kien xtara t-trakk minn ghand l-imputat u li kien bieghu lil certu Daniel Galea.  Ikkonferma li t-trasferiment minn fuq l-imputat ghal fuqu ma kienx sar.  Lill-imputat kien jafu bhala ‘ir-Rice’.  Ikompli jixhed lil kien partat it-trakk ma’ Tata u li kien ziedu elf Ewro pero’ pagament fix-xahar ma kienx ghamel ghax ried jiehu r-ruh.[13]

Xehed **Daniel Simon John Galea** fis-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2020 fejn spjega li mill-video tac-CCTV hu ma kien gharaf lil hadd u li t-

[10] A folio 75 tal-process
[11] A folio 76-77 tal-process
[12] A folio 90 tal-process
[13] A folio 96 tal-process

trakk kien xtrah minn ghand Julian Cucciardi.[14] Jghid li l-vann ma jidholx fil-garaxx u allura hallieh barra fi Triq it-Troll Haz-Zebbug.

Xehed **PC 1081 Jonathan Farrugia** fit-13 ta' Jannar 2021 fejn spjega li hu kien ma' PS 90 Gerada meta kien kellem ghall-ewwel darba lill-imputat barra d-Depot tal-Pulizija l-Furjana. Ikkonferma li ghall-ewwel l-imputat cahad l-involviment tieghu fl-akkadut pero' seta' jinnota li r-rimmijiet kienu partikolari u qablu ma' dak li kienu raw fis-CCTV. Qal ukoll li l-mera tan-naha tax-xufier kienet nieqsa u li l-vettura Toyota Levin ma tantx kien hawn bhala u li kienet blu skura ghalkemm skont huwa ma gharfuhiex min-number plate.[15]

Xehed **PC 392 Kevin Grima** mill-ghassa ta' Haz-Zebbug li kkonferma li rcievew ir-rapport u li marru fuq il-post fejn sabu lin-nies tal-Protezzjoni Civili jikkontrollaw in-nar.

Xehed **PC 1057 Angus Mario Carabott** fl-istess seduta tat-13 ta' Jannar 2021 li kkonferma dak li qal PC 392 Grima.[16]

Xehed **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2021 fejn ikkonferma li d-Dodge 50 trakk kulur ahmar kien irregistrat fuq Charles Borg K.I. 76458M sa mit- 12 ta' Settembru 2011. Dwar il-vettura KBD 591 jghid li din hija Toyota blu u kienet tghajjat lil Carmel Grech K.I. 214051M sa mit-30 ta' Gunju 2004[17].

[14] A folio 101 tal-process
[15] A folio 123 tal-process
[16] A folio 128- 131 tal-process
[17] A folio 134 tal-process

Fis-seduta tat- 22 ta' Jannar 2021 xehdet **Maria Dolores Fenech** fil-kariga taghha ta' Assistant Registratur Qrati Kriminali fejn esebiet zewg sentenzi moghtija kontra l-imputat wahda moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras nhar il-15 ta' Novembru 2017 u l-ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Francesco Depasquale nhar is-16 ta' April 2019. Ix-xhud ipprecizat li l-multa imposta mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras ghadha qed tithallas.

Xehdet **Marisa Gauci** fis-seduta tas-26 ta' Frar 2021 dwar in-numru tac-cellulari 9671930 bejn l-1 ta' Novembru 2020 u t-8 ta' Novembru tal-istess sena. Hi qalet li n-numru jappartjeni lil Epic Comminications Ltd. pero' mhu rregistrat fuq hadd.[18]

Fl-istess seduta xehdu **Jason Camenzuli** u **David Borg** zewg membri tal-Protezzjoni Civili li ssejhu biex jitfu n-nirien mit-trakk. Camenzuli qal li t-trakk ma kellux batterija u ma kienx hdejn bini u lanqas hdejn karozzi imma hdejn hajt tas-sejjieh.[19]

Xehed **l-Ispettur Jeffrey Scicluna** fis-26 ta' Frar 2021 fejn esebixxa l-istqarrija awdjo viziva tal-imputat. L-Ispettur rega' xehed fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2021 fejn bazikament irrepeta l-fazijiet tal-investigazzjoni. Meta gie mistoqsi fuq ic-cit tal-fuel li nstabet fil-vettura hu sahaq li ma sarux ezamijiet forensici fuqha.[20]

Fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2021 xehed **Dr. Lennox Vella** li prezenta t-traskrizzjoni tal-istqarrija awdjo viziva tal-imputat.[21]

---

[18] A folio 161 tal-process
[19] A folio 164- 168 tal-process
[20] Fo. 240 tal-process
[21] A folio 171 tal-process

F'din l-istqarrija l-imputat Borg sostna, fost affarijiet oħra, li kien gie wiehed fuqu meta kien gol-vettura tieghu ghassa Birkirkara f'xi s-siegha ta' fil-ghodu u qallu li lewa saqajh u li ghandu bzonn lift. Tah mitt Ewro (€100) u kellu basket li ma kienx jaf x'fih u li poggieh gol-bagoll. L-imputat sostna li Julian (Cucciardi) tah il-vann ghal Tata u li ghad-Dodge trakk kien qed jitlob elf u hames mitt Ewro (€1,500). Jichad li kien jaf x'ser jaghmel il-persuna li talbitu lift u jikkummenta li gol-basket din il-persuna kellha hwejjeg. Isostni li l-basket kien tal-karti ghax qabdu f'idejh u li fil-basket kien hemm hwejjeg. Interessanti li meta l-investigaturi iwissuh li mhux qed jemmnu certi partijiet mill-verzjoni tieghu ghax hemm hafna kumbinazzjonijiet hu jaqbel li dawn difficli biex temminhom.[22]

Fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2021 xehdu l-membri tal-Forensika **PS 2293 Michelle Camilleri** u **PS 1331 Darren Debattista** li ezebew numru ta' ritratti.[23] **Interessanti jiddikjaraw li fuq in-naha ta' wara fejn ikun hemm l-ispare wheel huma sabu rcevuta ta' Ewro 10 ta' fuel li ttiehed minn Falzon S. S. Ltd. L-ircevuta ggib id-data 31 ta' Ottubru 2020 u l-hin jaqra 21.42 hrs.**

Fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2021 xehed il-**PL Mario Buttigieg** u pprezenta r-relazzjoni tieghu. Jixhed is-segwenti:

> *'Carmelo Borg qal li xi 8 xhur qabel l-incident bieghu (it-trakk_ lil Julian Cucciardi u **fuq dan l-incident hu ma kien jaf xejn**'.*[24] *(enfazi tal-Qorti).*

---

[22] A folio 204 tal-process
[23] A folio 215 tal-process
[24] A folio 273 tal-process.

Is-Sur Buttigieg ikompli jghid li t-trakk CAQ 015 kien **ilu ggaraxxjat mis-27 ta' Gunju 2011 u li l-valur tieghu qabel l-akkadut kien ta' sebat mitt Ewro (€700)** u wara li gie mahruq il-valur kien dak ta' xejn.[25]

Fis-16 ta' Lulju 2021 xehed **Dr. Daniel Vella** li kien imqabbad jahdem fuq il-kawza tan-nirien mill-magistrat inkwirenti fejn sahaq li t-trakk gie mqabbad mill-parti ta' quddiem tieghu. Hu ma setax jistabilixxi jekk tqabbadx minn barra jew minn gewwa.[26]

Jissokta jghid:

> *'Meta wasalt jiena l-pulizija ghaddewli borza li kien fiha xi materjal li nstabu fuq quddiem ta' trakk ma' l-art fit-triq. Dawn kienu xugaman primarjament, xugaman mahruq u kien hemm ukoll fdal tal-plastic qisu kontenitur, nahseb li kien kontenitur.'*[27]

Skond l-espert forensiku dan ix-xugaman kien bid-diesel ghalkemm ma eskludix xi sustanza/i ohra.

Fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2021 xehed l-espert imqabbad mill-magistrat inkwirenti **Keith Cutajar** fejn esebixxa l-localisation tac-cellulari li jghajjat lill-imputat. Hu jispjega li bejn 1.48am u 1.59am l-imputat kien qed idur fl-inhawi ta' Haz-Zebbug u Hal-Qormi.[28]

Fis-seduta tas-27 ta' April 2022 xehed l-imputat **Carmelo Borg** fejn sostna li hu wassal lill-persuna l-ohra fuq il-post tar-reat wara li dan

---

[25] A folio 274 tal-process
[26] A folio 283 tal-process
[27] A folio 284 tal-process
[28] A folio 316 tal-process

kien avvicinah fis-sieghat bikrijin tal-1 ta' Novembru 2020 meta kien ghassa fil-vettura tieghu. Hu qal li din il-persuna qaltlu:

*'Wassalni sa Haz-Zebbug' 'Ghadtlu m' ghandix petrol. Tini ghall-petrol u nwasslek. Tani Ewro 10, ghaddejt tfajtilha l-petrol il-karrozza u wassaltu Haz-Zebbug….'*[29]

Hu jishaq li l-petrol tefghu direttament fil-vettura li kien qed isuq pero' ghal kuntrarju li sostna mal-investigaturi meta kontro ezaminat fuq jekk jafx lill-persuna li kienet fil-vettura mieghu qal hekk:

*'Gieli rajtu l-Belt u l-Hamrun. Niltaqa' mieghu'.*[30]

Ikompli jghid is-segwenti:

*'Weggajt saqajja.' Ghidtlu 'M' ghandix petrol, ghax ghall-ewwel ma ridtx inwasslu ghax ma tantx ghogobni.'*[31]

**Ikkunsidrat:**

Din il-vertenza tirrigwarda hruq ta' trakk li gie valutat mill-espert tal-Qorti Mario Buttigieg li jiswa seba' mitt Ewro (€700). Dan sehh fis-sieghat bikrin ta' l-1 ta' Novembru 2020 f'Haz-Zebbug. L-imputat qed jig allegat li kien komplici f'dan l-akkadut ghax wassal fuq il-post lil terza persuna biex jagheml dan l-att. L-imputat ghalkemm jammetti li wassal lit-terza persuna, li hu jghid li ma jafx, ghalkemm wara fil-kontro-ezami jammetti li jafu di vista u li jiltaqa' mieghu, jishaq li ma kienx jaf x'ser jaghmel, ossija li jahraq il-vettura. It-trakk li gie mahruq

[29] A folio 339 tal-process
[30] A folio 340 tal-process
[31] A folio 340 tal-process

kien inbiegh mill-istess imputat lil terzi xi zmien qabel u l-imputat *ex admissis* mal-Pulizija jishaq li kien gharrfu bhala t-trakk li kien tieghu meta mar fuq il-post.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Ligi u Gurisprudenza Applikabbli**

Fuq materja dwar il-komplici l-ligi taghna fil-Kapitolu 9 tghid is-segwenti:

Titolu IV

FUQ IL-KOMPLIĊI

42. Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija

(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew
(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew
(ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew
(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement,tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat; jew

(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.

Fis-sentenza **Il-Pulizija (Supretendent Carmelo Bartolo) vs Kenneth Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar il-15 ta' Jannar 2015 (App. Kriminali Nru. 587/2012) per Onorevoli Imhallef Michael Mallia ntqal is-segwenti:

'*Illi kif jghid Sir Anthony Mamo rigward il-komplicita' 'Now the notion of participation in an offence implies that one and the same is the offence committed, the subjects responsible therefore are several and consequently, there must be fulfilled in respect of each of them, the conditions required to constitute the subject of an offence. The two or more persons concurring in the offence must be shown to have the intended one and the same offence and have done something towards committing it.'*

*'Illi l-common design u cioe' 'the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it'…… 'b' xi mod li jkun, xjentement, tkun ghenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat'.*[32]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs George Pace** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Ottubru 1952 per l-Imhallef Onorevoli W. Harding intqal li:

[32] Pagna 7.

> *"Il-komplicita' tippresumi ineluttabilment l-akkordju ta' aktar minn forza wahda (morali jew fizici) li jikkonvergu biex jipperpetraw 'l-istess delitt'.''*

Imbaghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Marzu 1963 per Imhallef Onorevoli W. Harding intqal li:

> "*Din il-korroborazzjoni hi fis-sens stabbilit mill-gurisprudenza u d-dottrina, cioe' tali li tikkonnetti l-imputat mad-delitt u timplikah fih.... Ma hemmx bzonn jinghad li l-komplici jista' jigi kkorraborat, ghal finijiet tal-kliem 'korraborat b' cirkostanzi ohra'…… Jinghad opportunament il-Harris (Principles and Practice of the Criminal Law by Wilshere, p. 452)-*
>
> *There may be corroboration in the prisoner's own evidence and in the circumstances of the case and his own conduct".*

Meta wiehed izomm quddiem ghajnejh dan it-taghlim gurisprudenzjali u jabbinah ghall-kaz odjern wiehed ma jistax jemmen il-verzjoni li qed jipprova jpingi l-imputat u li frankament kif ammess minnu stess fl-istqarrija lill-inkwirenti lanqas hu stess mhu konvint minnha tanti li jammetti li hija bbazata fuq hafna kumbinazzjonijiet! Jekk l-imputat stess jammetti li l-verzjoni tieghu mhux affidabbli ahseb u ara kemm din il-Qorti tista' taghtiha affidabilita' u wisq anqas temminha!

Illi l-Qorti ssibha remota wisq il-possibilita' li wiehed ikun qed jistenna fil-karozza fis-satra tal-lejl fl-gheqel tal-Harifa meta jigi avvicinat minn ragel li ma jafx u jitolbu passagg ghax lewa saqajh u dan jaghtih ghaxar Ewro (€10) ghall-petrol u jwasslu Haz-Zebbug xi hin wara u jinzel mill-vettura li kienet waslitu u jaghti n-nar lil trakk li kumbinazzjoni

kien tal-istess persuna li waslitu. Biex tghaqqad dan it-trakk ikun ipparkjat f'post imwarrab go sqaq! Din il-verzjoni ma ghandhiex mis-sewwa.

Il-Qorti hija tal-fehma li mill-assjem tal-provi, kemm diretti kif ukoll indiretti l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova, sal-grad rikjest mill-ligi, u a sodisfazzjoni taghha li l-imputat irrenda ruhu komplici ma' terza persuna, li ghaddej proceduri separati fuq l-istess kaz, li haraq it-trakk li jiswa seba' mitt Ewro (€700) li f'dak il-mument kien jappartjeni lil terza persuna. Hu interessanti kif minn dak li xehed is-Sur Keith Cutajar il-mobile tal-imputat gie lokalizzat li kien qed idur fl-arja li kienet ta' interess ghalih, ossija Hal-Qormi u Haz-Zebbug. Zgur li l-imputat ma' marx from *point to point*! Lanqas jista' jitwemmen l-imputat li rikkeb persuna li skont hu stess deher suspettuza fis-satra tal-lejl, beda jdur minn post ghall-iehor u ma jlissinx kelma u hu ma jistaqsih xejn.

Il-Qorti tinnota ukoll ir-reluttanza tal-imputat li jghid mill-ewwel li l-vettura Toyota blu kienet tieghu u li kien qed jaghmel minnha uzu hu. Kien proprju fit-tieni fazi tal-istharrig kif gie mistqarr mill-istess surgent Gerada, u meta kien issikkat minnu, li l-imputat ammetta li l-vettura kien qed jaghmel uzu minnu hu. Dan barra l-fatt sinjifikanti iehor tal-ircevuta li nstabet fil-bagoll tal-vettura. Kieku vera kif qed isostni l-imputat hu ta ghaxar Ewro (€10) petrol dritt gol-vettura u ma kienx jaf x' kellu ezatt il-basket li kien pogga aktar kmieni fil-bagoll tal-vettura ghax hekk qaltlu biex jaghmel il-persuna l-ohra allura dik l-ircevuta kellha tinsab fil-parti ta' quddiem tal-vettura jew fuqu u mhux fil-bagoll. Ma hemmx raguni valida u logika l-ghala waqt li kien fil-pompa tal-petrol, jekk il-verzjoni tieghu hija tajba, wiehed kellu ghal darb' ohra jiftah il-bagoll u jqieghed hemm l-ircevuta.

Dan kollu jista' biss ifisser li hu u l-persuna l-ohra kienu jafu ben tajjeb x'ser jaghmlu, ippjanifikawh u wettquh.  B' hekk l-imputat kellu *a common design* mal-persuna l-ohra biex jahraq il-vettura.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma ghandha l-ebda ombra ta' dubbju li l-imputat kien komplici fir-reat ta' hruq tal-vettura.

**Ikkunsidrat:**

L-Avukat Generali qed jakkuza lill-imputat taht l-artikolu 317 u 325(b) li jghidu s-segwenti:

317. Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna, jeħel, meta jinsab ħati –

(a) jekk il-ħruq iqabbad band'oħra, il-piena ta' priġunerija għal għomru:

Iżda jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel –

(i) jekk hu seta' jobsor li fil-waqt kien hemm xi persuna ġewwa l-bini, għarix, jew lok li ħa n-nar mill-ħruq, il-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa disa' snin;

(ii) xort'oħra, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin;

(b) jekk il-ħruq ma jqabbadx il-bini, għarix, jew lok ieħor, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin.

325. (1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, volontarjament iħassar,jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jewimmobbli, jeħel, meta jinsab ħati……..

(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (€2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar;

Il-Qorti wara li fliet l-atti processwali ma thossx li ghandha ssib htija taht l-artikolu 317 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta imma ghandha ssib htija biss taht l-artikolu 325(b). Dan ghaliex ghalkemm kien hemm bini, ossija garaxxijiet fil-vicinanzi ta' fejn tqabbad it-trakk ma jidhirx li dawn il-propjetajiet kienu b' xi mod fil-perikolu. Barra minn dan la l-membri tal-protezzjoni civili u lanqas dawk tal-pulizija ma xehdu f'dan is-sens anzi l-membri tad-dipartiment tat-tifi tan-nar qalu li t-trakk kien imrassas ma' hajt tas-sejjieh u li fl-ebda hin ma n-nirien kienu vicini ta' proprjeta' ta' terzi.[33]

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-prosekuzzjoni esebit zewg sentenzi fil-konfront tal-imputat li huma *res gudikata* wahda datata 15 ta' Novembru 2017 minn din il-Qorti kif

[33] Ara f' dan is-sens **Il-Pulizija (Spt. S. Valletta) vs Valentine Sciberras** (App. Krim. Nru. 244/2006) deciza fil-11 ta' Jannar 2007 per Imhallef Joseph Galea Debono u **Il-Pulizija (Spt. S. Mallia u Spt. R. Mercieca) vs Anthony Borg** (App. Kriminali Nru. 249/2009) deciza fis-16 ta' Novembru 2009 per Imhallef Joseph Galea Debono.

diversament preseduta mill-Onor. Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras kif ukoll sentenza ohra datata 16 ta' April 2019 minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Onor. Magistrat (illum Imhallef) Dr Francesco Depasquale.

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll il-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda kkulurita. Milli jidher l-imputat ghalkemm ta' eta' matura ma jridx ihalli l-hajja ta' delinkwenza u b'ghemilu qed ipoggi l-hajja u l-proprjeta' ta' terzi fil-periklu. **Barra minn dan il-Qorti ma tistax ma tinnotax li dawn l-atti vandali joholqu perikli mhux ftit lill-haddiema tal-Protezzjoni Civili li jmorru fuq il-post biex jikkontrollaw u jitfu n-nirien. Dawn il-haddiema u l-familjari taghhom jixirqilhom kull rispett u din il-Qorti qieghda hemm ukoll biex taghtihom ukoll kull protezzjoni.**

Il-komplicita' attiva tal-imputat fil-hruq tal-karrozza hu certament kundannabbli u l-Qorti tqis illi m'ghandha turi l-ebda hniena ma' min fis-satra tal-lejl jikkawza nirien fuq proprjeta' ta' terzi b'periklu ghal terzi.

Il-Qorti ukoll innutat in-nuqqas ta' kollaborazzjoni tal-imputat mal-awtoritajiet investigattiva biex jigi determinat minn kienet il-persuna l-ohra li kienet mieghu u allura l-awtur materjali tad-delitt.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 42 (d) u (e), 317, 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib l-imputat HATI tal-akkuzi taht l-artikoli 42 (d) u (e), u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ssib lill-imputat MHUX hati taht l-artikolu 317 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U Qeghda Tikkundanna lill-imputat Carmelo Borg ghal piena ta' **hdax-il xahar (11) pigunerija effettiva fuq dan ir-reat li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li hu nzamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn l-akkuzi**.

Inoltre Il-Qorti qeghda Tordna li s-sentenza datata 15 ta' Novembru 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Onor. Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras ta' xaghrejn (2) prigunerija li kienu sospizi ghal sena u li din giet estiza ghal sentejn ohra permezz tas-sentenza datata 16 ta' April 2019 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Onor. Magistrat Dr Francesco Depasquale tidhol fis-sehh kif ukoll li tidhol fis-sehh din l-ahhar sentenza hawn imsemmija li permezz taghha l-imputat kien gie kkundannat sitt (6) xhur habs li kienu sospizi ghal-erba' (4) snin minn dik l-istess Qorti.

Ghaldaqstant l-imputat ghandu **jiskonta total ta' dsatax (19)-il xahar prigunerija effettivi** li kif diga' inghad aktar 'il fuq minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu ta' arrest preventiv li l-imputat diga' ghamel in konnessjoni ma' din il-kawza.

Inoltre l-Qorti Qeghda Tikkundanna l-imputat li ghandu jhallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' elf u tlett mija u disa' Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€1,309.45) a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta[34]. Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien xahar minn meta din is-sentenza ssir *res gudikata* altrimenti konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi.

[34] Sur Mario Buttigieg Ewro 759.68c, Sur Keith Cutajar Ewro 398.47c, Dr. Lennox Vella Ewro 53.80c, PS 1331 u WPC 293 Ewro 97.50c. L-ispejjez ta' Dr. Daniel Vella ma jidhirx li gew intaxxata.

Il-Qorti qeghda wkoll Tikkundanna lill-hati Carmelo Borg a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed Torbot lill-Hati biex ma javvicina bl-ebda mod lil Julian Cucciardi u/jew lil Daniel Simon John Galea taht penali ta' elfejn Ewro (€2,000) fil-konfront ta' kull wiehed minnhom u dan ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur